# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru: 166/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Edward Muscat**

Seduta tas-27 t'April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant Edward Muscat detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 42255M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta' Ottubru 2014 ghall-habta tat-14.52hrs gewwa Naxxar u f'dawn il-Gzejjer waqt stagun miftuh, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz xi ghasfur meta ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja specjali ghall-insib limitat tal-Ghasafar tal-Ghana fil-Harifa tal-2014 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u f'kull ligi

ohra u cioe' naqas milli mmedjatament ilibbes fuq in-naha ta' isfel tas-sieq ta' kull Ghasfur tal-Ghana li qabad, curkett li jista' jintuza darba biss kif approvat mill-Wild Birds Regulation Unit li gie pprovat mal-licenzja u naqas milli immedjatament wara li jlibbes ic-curkett jirraporta kull Ghasfur tal-ghana li jkun qabad u jsegwi l-istruzzjonijiet moghtija mill-WBRU u dan bi ksur ta' kundizzjoni numru 15; bi ksur ta' regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u bi ksur ta' regolament 9 tal-A.L. tal-2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124)

Il-Qorti intalbet li bis-sahha ta' regolament 27 tal-A.L. 79 hekk kif emendat (L.S. 504.71), barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni jew ir-revoka ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal perjodu applikabbli;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Marzu, 2015, li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ihallas multa ta' elf ewro (€1,000) u ordnat il-konfiska tal-esebiti u sospensjoni tal-licenzji ghal sentejn;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Edward Muscat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 t'April 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ma ssibux hati u tilliberah;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jilmenta mis-sentenza appellata fuq il-gravami illi ma kellux jinstab hati ghaliex huwa kien ghadu kemm appena qabad l-ghasafar u kien qed jirranga l-mansab meta gew fuqu l-Pulizija fejn allura ma kienx ghadu lahaq libbes ic-curkett lill-ghasafar minnu minsuba u cempel lill-awtorita' biex jaghti avviz tal-kattura tal-ghasafar. L-appellant ressaq ukoll aggravju dwar il-piena izda ma ghamel l-ebda talba ghar-riforma tas-sentenza appellata u ghalhekk dan l-aggravju mhux ser ikun konsiderat;

2. Jokkorri ghalhekk, ghar-rigward tal-ewwel aggravju, ezami mill-gdid tal-provi li jikkonsistu f'affidavit ta' PC 220 u d-deposizzjoni tal-appellant. PC 220 spjega kif waqt li kien xoghol rigward kacca u insib fl-inhawi tan-Naxxar flimkien ma' PC 1295 spezzjonaw il-mansab tal-appellant fejn sabu 23 ghasfur. Tnejn minnhom kienu mohbija gewwa borza tac-carruta li raw ticcaqlaq taht sigra qrib il-mansab. L-ufficcjali irrizultalhom li dawn l-ghasafar kienu ghadhom kemm inqabbdu u li l-appellant ma kienx cempel lill-awtorita' biex jinforma bil-qabda tieghu. Innuttaw ukoll lill-appellant jikteb xi haga fil-ktieb tal-kacca u hemm indunaw li kien qed jirranga d-data u jentra li kien qabad zewg ghasafar;

3. L-appellant xehed illi kien ghadu kemm qabad iz-zewg ghasafar fil-mansab tieghu u qieghdhom gewwa borza tad-drapp sakemm jirranga l-mansab billi jerga jiftah ix-xbiek u ma jhallihomx maqlubin. Appena qed jaghmel dan, gew fuqu Pulizija u dahlulu fid-dura u wara li nnutaw iz-zewg ghasafar fil-borza staqsewh jekk kienx ghadu cempel lill-awtorita' u ghaliex ma kienx ghadu qieghed ic-crieket fuq dawn iz-zewg ghasafar. Huwa spjega kif il-priorita'

kienet li jnehhi l-ghasafar minn qabda tax-xbiek sabiex ma jitkissrux u ma jahbtux ma' xi gebla. Spjega ukoll illi bejn il-hin li qabad l-ghasafar u meta gew fuqu l-Pulizija, fejn allura kien qed jirranga x-xbiek, kienu appena ghaddew tlieta jew erba minuti. Jghid ukoll illi wara li nghata l-ordni sabiex izarma l-mansab, kien qed jikteb fil-*Carnet de Chasse* fejn kien qed jirranga d-data u n-numru ta' kemm qabad ghasafar ghaliex meta gew fuqu l-Pulizija u talbuh il-licenzja huwa tfixkel u nizzel id-data tat-30 t' Ottubru 2014 u b'hekk irrangaha ghall-31 t'Ottubru u rranga ukoll in-numru tal-ghasafar minnu maqbuda sabiex juri li kien qabad zewg ghasafar;

4. L-obbligi tan-nassaba, u f'dan il-kaz, fl-istagun tal-Harifa, huma regolati b'diversi disposizzjonijiet tal-ligijiet ta' Malta izda dak pertinenti ghall-fatti odjerni jemergu mill-Avviz Legali 253 tal-2014 jigifieri Regolamenti tal-2014 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (Qafas biex tigi permessa Deroga li Tiftah l-Istagun fil-Harifa ghall-Insib tal-Ghasafar tal-Ghana). Ta' kull sena imbaghad, dejjem skond jekk ikunx deciz li jinfetah l-istagun tal-Harifa, ikun publikat Avviz Legali iehor ghal dak l-istagun. Hekk fil-fatt sar bl-Avviz Legali 331 tal-2015. Ir-Regolament 3 (2) fl-Avviz Legali 253/ 2014 jipprovdi illi:

> **3 (2). Immedjatament kif jinqabad ghasfur tal-ghana, il-persuna bil-licenzja ghandha tqieghed curkett li jintuza darba biss fuq l-ghasfur kif approvat ghal dak l-iskop mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi.**

Ir-regolament 7 imbaghad jipprovdi ghall-kundizzjonijiet li ghandu jkun fiha l-licenzja ghall-insib u fost dawn hemm is-subregolament (m) li jipprovdi hekk:

> **7 (m).** [Il-licenzja ghandha] **tehtieg lill-persuna li jkollha licenzja sabiex, hekk kif ghasfur tal-ghana jinqabad, tlibbes curkett li jintuza darba biss kif approvat mit-Taqsima tar-**

**Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi ma' sieq l-ghasfur u immedjatament tirraporta dik il-qabda fuq numru indikat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi ghal dak il-ghan, u sabiex timla l-*Carnet de Chasse* b'tali dettalji qabel ma titlaq minn fuq il-post tal-insib.**

5. Il-licenzja tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni takkludi fil-paragrafu 15 taghha, z-zewg obbligi appena riprodotti *supra*, u ghalhekk ksur ta' l-istess jammonta ghal-reat skond ir-Regolament 9 tal-Avviz Legali 253/2014 kif emendat bl-Avviz Legali 331 tal-2015 (ftuh tal-istagun tal-Harifa mill-20 ta' Ottubru 2015 sal-31 ta' Dicembru 2015);

6. Rikapitati dawn il-fatti, sintezi tad-deposizzjonijiet u l-ligijiet li jipotizzaw r-reat in dizamina, jehtieg issa jkun deciz jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Minn tali ezami jemergi illi ma hemm l-ebda konflitt fil-provi. Kien l-istess ufficcjal tal-Pulizija li ddikjara fl-affidavit tieghu illi meta hu <u>u l-kollega tieghu</u> accedew fuq is-sit huma sabu il-mansab minsub u kienu huma stess li staqsew jekk kienx ghadu kemm qabad iz-zewg ghasafar li kienu mal-art fil-borza hdejn il-mansab u l-appellant kien afferma. Dak li ma hemmx qbil dwaru huwa l-entratura fil-*Carnet de Chasse* minn fejn jidher li gia kien hemm miktub l-attivita' tal-appellant ghad-data tat-30 t'Ottubru, 2015, jigifieri tal-gurnata ta' qabel u li ghalhekk hija komprensibbli l-emenda li kien qed jaghmel l-appellant f'dak il-hin;

7. Il-kwistjoni li tehtieg li tkun rizolta ghalhekk hi jekk il-fatt illi l-appellant naqas meta huwa ma libbisx ic-crieket lill-ghasafar b'mod <u>immedjat</u> u ghadda biex irraporta bil-qabda tieghu ukoll b'mod <u>immedjat</u>. Naturalment, dan l-obbligu huwa impost fuq in-nassab sabiex ikun evitat kull possibilita' ta' abbuz ovvju. Issa, ghalkemm il-ligi tiddisponi b'dan il-mod jehtieg kull sitwazzjoni tali tkun soggetta interpretata b'certu ragjonevolezza u proporzjonalita'.

Fil-kaz odjern, jidher illi appena l-appellant ha dik il-mizura biex jassigura li l-ghasafar ikunu 'l hinn mill-periklu, ghadda biex jirranga x-xbiek biex dan ma jibqax wieqaf, bil-perikli li dan jista' tal-volta jikkaguna lill-ghasafar ohra, u f'dak il-hin accedew il-Pulizija fuq is-sit;

8. Din il-Qorti tinnota illi minn zewg ufficcjali tal-Pulizija, wiehed minnhom biss rrediga affidavit. B'deposizzjoni ohra forsi il-Qorti possibilment setghet tinghata stampa aktar dettaljata sia aktar dannegjanti jew aktar favorevoli ghall-appellant. Ic-cirkostanzi odjerni ma jurux illi l-appellant kien qed jahbi dawn l-ghasafar jew li kien ilu zmien twil li qabadhom u ghalhekk din il-Qorti ma tistax serenament tikkonkludi li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment issib htija kontra l-appellant;

9. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell billi thassar is-sentenza appellata u konsegwentement ma ssibx lill-appellant hati u tilliberah.